# SJAF Magazine

***SJA FOUNDATION***
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/4th May 2008**

***a monthly e- magazine – Issue No.31, February 2010***

# L-Ilħna tal-Foqra – 2010 hi s-sena dedikata għall-ġlieda kontra l-faqar



Numru ta' foqra mill-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea s-sena l-oħra ngħabru fi Brussel sabiex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ta' faqar u jissuġġerixxu kif jista' jonqos il-faqar fl-Ewropa. Is-suġġerimenti ewlenin tagħhom kienu dawn:

**L-Awstrija**: garanzija ta' dħul minimu li jiżgura għixien adegwat.

**Il-Belġju**: (a) ħeffa fil-bini ta' djar għall-foqra u kriterji ċari dwar l-għoti ta' dar; (b) l-ilma għandu jitqies bħala servizz essenzjali; (c) il-Parlament Ewropew għandu jirratifika iċ-Charter ta' Ħarsien tal-Konsumatur.

**Il-Bulgarja**: il-qasma bejn il-foqra u l-bqija tas-soċjetà qiegħda kull ma tmur tikber. Il-politika soċjali ta' kull pajjiż għandha tkun imsejsa fuq is-solidarjetà. Il-foqra wkoll għandhom ikollhom opportunità biex jieħdu sehem fl-istrutturi ċivili.

**Ir-Repubblika Ċeka**: (a) għandu jinħoloq *Code of Conduct* għal min jissellef il-flus. (b) id-dħul minimu għandu jkun biżżejjed biex wieħed jgħix. (c) Nies imwarrba m'għandhomx jingħataw postijiet fejn jgħixu li huma ghettos.

**Ċipru**: (a) Kulħadd għandu dritt għal saqaf fuq rasu. (b) Kull pajjiż għandu jkollu pjan ta' kif se jeqred il-faqar. (c) Il-Kummissjoni Ewropea għandha taċċerta li kull stat membru għandu politika ta' housing li tagħmel sens, pjan għal titjib tas-servizzi bażiċi u dħul adegwat għal kull ċittadin.

**Id-Danimarka**: (a) titjib tas-sistema ta' saħħa pubblika; (b) deċiżjoni dwar id-dħul finanzjarju minimu li min jaqla anqas minnu jitqies fqir (poverty line); (c) djar li jqumu anqas flus; (d) appoġġ adegwat għal min ma jistax isib xogħol u għandu bżonn dar fejn joqgħod.

**Il-Fillanja**: (a) djar għall-kulħadd; (b) amministrazzjoni ta' servizzi ta' solidarjetà soċjali anqas burokratiċi; (c) postijiet fejn wieħed jista' jinqeda f'kollox (one stop shops)

**Il-Ġermanja**: (a) għandu jkun hemm standards komuni fl-Ewropa; (b) il-mod kif ir-rakmandazzjonijiet jissarrfu f'azzjoni jridu jkunu trasparenti.

**Il-Greċja**: (A) għandu jkun faċli għall-kulħadd li jaċċessa servizzi soċjali; (b) kull stat membru tal-UE għandu jistabbilixxi dħul minimu ta' benefiċċji soċjali sabiex min hu fqir ikun jista' jgħix ħajja deċenti; (c) it-tieni ġenerazzjoni ta' immigranti għandhom jingħataw ċittadinanza.

**L-Ungarija**: (a) għandu jkun hemm tariffi soċjali għas-servizzi ta' dawl u ilma; (b) għandu jingħata tagħrif ċar u korrett dwar il-benefiċċji soċjali; (c) jiġi stabbilit dħul minimu ta' benefiċċji soċjali sabiex min hu fqir ikun jista' jgħix ħajja deċenti.

**L-Irlanda**: (a) għandu jsir użu mid-djar li ma jintużawx; (b)qed jikbru l-problemi minħabba d-djun kbar madwar l-Ewropa.

**L-Italja**: (a) il-foqra xebgħu jissejħu foqra. Jippreferu li jissejħu "ċittadini li temporanjament għandhom xi ħtiġijiet"; (b) hemm bżonn ta' garanzija ta' servizzi bażiċi għal min ikollu bżonnhom; (c) ċittadini fil-bżonn ukoll jixtiequ jagħtu sehemhom biex tinbena soċjetà aħjar; (d) li wieħed jitwieled fil-faqar ma jfissirx li għandu jibqa' hekk għomru kollu; (e) jeħtieġ ikun hawn rispett għal kull ċittadin.

**Il-Litwanja**: (a) hawn ħafna djar vojta fl-irħula; (b) il-prezzijiet tal-enerġija huma għoljin u għadhom qed jiżdiedu; l-elettriku huwa ħtieġa bażika mhux lussu.

**Il-Lussemburgu**: hemm bżonn li l-foqra jkunu infurmati sew bil-progress li jsir matul l-2009 u l-2010, speċjalment dwar kif, fl-iskejjel, qed tinxtered l-informazzjoni dwar il-faqar.

**Malta**: (A) il-kirjiet huma għoljin ħafna u jrid ikollok paga għolja biex tista' tagħżel li tikri dar; (b) hawn ħafna li ma bit-dħul ma jlaħħqux mal-ħajja; (c) il-ħtiġijiet bażiċi tas-saħħa mhumiex garantiti; (d) l-isptarijiet pubbliċi għandhom listi twal ta' min qiegħed jistenna servizz waqt li l-kliniċi privati huma għoljin wisq; (e) s-servizzi ta' l-ilma u elettriku huma għoljin wisq; (f) l-immigrazzjoni lejn Malta qed tiżdied; (g) mhux kulħadd jista' jkun mgħejun jew irid li jkun mgħejun; (h) matul l-2010, jeħtieġ li nimxu 'l quddiem mhux lura.

**L-Olanda**: (a) kull ċittadin ewropew jixraqlu jgħix ħajja deċenti f'dar adegwata, saħħa fiżika u mentali, u qligħ biżżejjed biex jgħix; (b) it-tfal għandhom ikollhom kull opportunità biex jilħqu l-potenzjal tagħhom.

**In-Norveġja**: (a) pjanar ta' kampanja nazzjonali kontra aġenziji li jiġbru d-djun; (b) tnaqqis fil-prezz ta' konnessjonijiet mal-'mains'.

**Il-Polonja**: (a) kilħadd jixtieq jgħix ħajja deċenti u li jkollu dar fejn joqgħod; (b) hemm wisq korruzzjoni fost il-ħaddiema tal-gvern; (c) jeżistu wisq djar vojta; (d) il-gvern għandu jħares lejn il-problema ta' immigranti Chechen b'mod wiesa'.

**Il-Portugal**: (a) hemm qasma kbira bejn d-dħul minn impieg u kirjiet; (b) jinħtieġ fond għal dħul minimu; (c) hemm bżonn li djar vojta jintużaw sabiex ma jkomplux jinħolqu żoni *ghettos*.

**Ir-Rumanija**: (a) tinħtieġ garanzija ta' dħul minimu deċenti għall-kulħadd sabiex familji ma jkollhomx jagħżlu bejn saħħa u ilma; (b) għal ħafna huwa lussu li jsibu appartament fejn jgħixu; is-social housing mhuwiex aċċessibbli u mhuwiex deċenti.

**Is-Slovakja**: (a) hemm bżonn ta' garanzija ta' benefiċċji soċjali għal min għandu bżonnhom; (b) il-gvernijiet ma tantx jagħtu kont ta' sitwazzjonijiet nazzjonali u għaldaqstant ikollha tidħol l-UE bid-direttivi tagħha.

**Spanja**: (a) Il-Ministri għandhom jaħdmu flimkien għall-iżvilupp ta' politika soċjali biex teqred il-faqar; (b) l-affarijiet soċjali għandhom ikunu infilsati f'kull sfera u settur; (c) għandu jkun hemm għanijiet u strateġiji li jaċċertaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha; (d) hemm ħafna aktar xi jsir, biss mexjin 'l quddiem.

**L-Iżvezja**: madwar l-Ewropa tinħtieġ politika dwar jeddijiet għal kulħadd; il-foqra għandhom il-jedd u l-qawwa li jsemmgħu leħinhom u li jkollhom l-mezzi biex joħorġu lilhom nfushom mill-faqar.

**Ir-Renju Unit**: għalfejn għandu gvern jixħet lill-imdejnin il-ħabs; hemm bżonn dħul finanzjarju adegwat għall-kulħadd.




(*SORS: Where We Live, What We Need – 8th European Meeting of People Experiencing Poverty; May 15-16, 2009, Brussels. 50 pages*)

# Il-qagħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa

L-Unjoni Ewropea tbassar li din is-sena li hi ddedikata għall-ġlieda kontra l-faqar, il-qagħad se jitla' għal 10.3% u l-ispiża f'benefiċċji soċjali se tiżdied minn 27.5% fl-2007 sa 30.8% fil-2010 tal-GDP. Din is-sena se jkun hawn fl-Ewropa 5 miljun persuna AKTAR bla xogħol. Din il-kriżi qed tikkaġuna żieda fin-numru ta' familji li se jġarrbu l-faqar u djun; ħafna se jitilfu darhom ukoll. Iż-żieda fil-qagħad hija differenti minn pajjiż għall-ieħor. F'pajjiż il-qagħad żdied minn 2.7% għal 3.9%. F'ieħor żdied minn 6.0% għal 20.9%. Fl-2008, il-perċentaġġ ta' dawk li kienu f'riskju ta' faqar madwar l-Ewropa kien bejn id-9% u s-26%. Familji fir-riskju tal-faqar (38%) jonfqu 40% tal-flus li jaqilgħu biex ikollhom saqaf fuq rashom. 27% jgħixu f'dar ċkejkna żżejjed għan-numru ta' persuni li jgħixu fiha.

X'inhu faqar u x'inhi esklużjoni soċjali? Fi kliem sempliċi, persuna fqira hi dik li d-dħul finanzjarju tagħha ma jservihiex biex tgħix, jaqa' taħt il-livell minimu biex jippermetti lilha u l-familja tagħha jgħixu ħajja deċenti skond il-kundizzjonijiet tal-ħajja fis-soċjetà fejn jgħixu. Il-livell minimu jissejjaħ komunement "il-linja tal-faqar" u din il-linja tvarja fiż-żmien u fl-ispazju. Dak li jitqies faqar illum, mhux bil-fors kien ikkunsidrat faqar fl-imgħoddi u dak li jfisser faqar f'pajjiż mhux bilfors li jfisser faqar f'pajjiż ieħor. Il-faqar hu, sa ċertu punt, ħaġa relattiva imma jeżisti minimu li hu faqar f'kull post u f'kull żmien. Il-mankanza ta' ikel u ilma suffiċjenti għall-għajxien kien, għadu u jibqa' fl-imgħoddi, fil-preżent u fil-futur l-agħar forma ta' faqar possibbli. Hu l-faqar li jista' jċaħħad lil persuna mid-dritt uman l-aktar sagrosant li hu dak tal-ħajja.

It-terminu "esklużjoni soċjali" ġie addottat mill-Unjoni Ewropea fl-aħħar tas-snin tmenin u l-bidu tad-disgħinijiet. Xi gvernijiet tal-lemin ma kienux jirrikonoxxu li kien hemm il-faqar f'pajjiżhom filwaqt li xi kummentaturi tax-xellug kienu mħassba dwar iż-żieda fil-polarizzazzjoni bażata fuq inegwaljanza fid-dħul finanzjarju ta' klassijiet soċjali differenti. It-terminu "esklużjoni soċjali" beda jintuża f'dan l-aspett u sar is-suġġett ta' dibattitu fuq il-politika soċjali fuq livell Ewropew. Għalkemm hu rikonoxxut li huma l-individwi emarġinati li jsofru l-esklużjoni, il-kawżi jistgħu jkollhom l-oriġini tagħhom fuq livell domestiku jew anki ta' komunità.

Nistgħu ngħidu mela, li hemm esklużjoni soċjali meta individwu, komunita' jew anki reġjun sħiħ, isofru minn taħlita ta' problemi soċjali bħal qgħad, nuqqas ta' ħiliet li jippermettu lil dak li jkun li jsib xogħol, dħul finanzjarju baxx, housing taħt il-livell aċċettabbli jew saħansitra nuqqas ta' akkomodazzjoni, problemi ta' saħħa, ambjent ta' kriminalità u droga jew prostituzzjoni, u familji mifruda. Il-fenomenu, mela, ma jfissirx biss faqar ekonomiku imma kumplessità ta' problemi soċjali.

Anzi huwa possibbli li wieħed ikun eskluż mingħajr ma jkollu problema akuta ta' faqar u, mill-banda l-oħra, wieħed jista' jkun f'riskju ta' faqar mingħajr ma jħossu eskluż. Kultant dawn il-fenomeni jistgħu jkunu temporanji imma jistgħu jkunu wkoll permanenti bħal per eżempju, pensjonanti li jridu jgħixu bi dħul mhux adegwat għall-ħajja. L-esklużjoni soċjali tista' titfisser bħala diffikultà għall-aċċess fil-ħajja soċjali u politika fil-komunità minħabba xi raġuni jew oħra.

Il-medja ta' dawk f'riskju ta' faqar fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, l-aktar reġjun ekonomikament b'saħħtu tad-dinja, hija ta' 16 fil-mija li tfisser mat-80 miljun ruħ. F'Malta, sar survey fl-2007 mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fejn il-linja tal-faqar ("poverty line") ġiet iffissata bħala 60 fil-mija tal-medja nazzjonali tad-dħul ta' kull persuna li tiġi ħamest elef erba' mija u sebgħa u sebgħin ewro (€5,477) fis-sena. Id-dħul jinkludi ħlasijiet minn servizzi soċjali. Fi kliem ieħor, ġie deċiż li min għandu dħul inqas minn din is-somma jinsab fil-faqar. Ir-riżultat tas-survey wera li l-perċentwali ta' dawk f'riskju ta' faqar ilaħħaq 14 fil-mija li hu inqas mill-medja Ewropea u f'termini ta' numri dan ilaħħaq sebgħa u ħamsin elf, erba' mija u erbgħa u erbgħin (57,444) persuna li jinsabu f'riskju ta' faqar f'Malta. Għaliex dawn in-nies jissejħu "f'riskju ta' faqar" u mhux "fqar", la darba jinsabu taħt il-minimu, mhux ċar ħafna għalija. Jidher, madankollu, li din hija s-sistema u t-terminoloġija li tintuża mal-Ewropa kollha mhux f'Malta biss.

Malta tiġi t-tnax-il waħda fil-klassifika tal-pajjiżi tal-Unjoni. L-aktar li huma f'riskju ta' faqar huma l-persuni li għandhom età żgħira li ma taqbiżx is-17-il sena u anzjani li qabżu l-65 sena. Teżisti wkoll disparità bejn naħat differenti tal-Gżejjer Maltin. L-akbar riskju ta' faqar jinsab Għawdex fejn il-medja titla' għal 18 fil-mija u mbagħad hemm id-distrett tan-naħa t'isfel ta' madwar il-port fejn ir-riskju ta' faqar huwa ta' 17 fil-mija imqabbel ma' 12 fil-mija għan-naħat tal-punent ta' Malta fejn hemm l-anqas riskju. Dawn il-figuri, irrid intenni, huma tal-2007 u għadna ma nafux eżatt jekk il-kriżi ekonomika u finanzjarja mondjali kellhiex effett fuqhom.

(**SORS**I: Paragrafi 1 u 2 mid-dokument tal- Unjoni Ewropea *Proposal for the Joint report on Social Protection and Social Inclusion 2010, Brussels, 5.2.2010*. Il-bqija tal-artiklu meħud mid-diskors tal-President ta' Malta, l-Eċċellenza tiegħu l-President Dr George Abela waqt il-ftuħ uffiċjali tas-sena Ewropea 2010 dedikata għall-ġlieda kontra l-faqar u esklużjoni soċjali, Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta, 3 ta' Frar, 2010)

# Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

**2 ta' Frar:** 8.30 – 12.00 ta' filgħodu: Sr Salvina Bezzina u Nora Macelli attendew il-ftuħ uffiċċjali tas-*Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali* organizzat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta.

8.15 sal-10.00 ta' filgħaxija: Nora ħadet sehem fil-programm tal-televixin mtella' miċ-ĊAM Productions li jixxandar kull nhar t'Erbgħa mit-ta' filgħaxija fuq in-NET TV. Il-programm kien jittratta ***l-Faqar*.**

**- 4,11, 25 ta' Frar:** Grupp ta' ommijiet żgħażagħ jkomplu jsegwu kors fuq is-Self-Esteem.

**- 5 ta' Frar**: 11.30 sas-1.00 ta' wara nofsinhar: Iż-żgħażagħ tal-Programm Bridge tal-Fondazzjoni jżuru lill-President ta' Malta, l-Eċċellenza tiegħu Dr George Abela fil-Palazz ta' sant'Anton. Kien mument kommoventi ħafna għaż-żgħażagħ li jsemmugħ kuljum. Il-President ġentilment dawwarna personalment mal-Palazz u tkellem ma' individwalment maż-żgħażagħ kollha.

6.00 – 8.30 ta' filgħaxija: Għeluq tal-Klabb Nannakola ta' Ħaż-Żabbar. Il-membri kollha semgħu quddiesa flimkien u qraw il-vanġelu u t-talb tal-fidili.

**- 4, 11, 18, 26 ta' Frar:** 3.30 -4.00pm : Sehem f'*Lejn Ħajja Mimlija* fuq l-Istazzjon Radju Marija.

**- 7 ta' Frar:** Jidher l-artiklu dwar is-Social Work Service tal-Fondazzjoni fil-Magazine SUNDAY CIRCLE li jitqassam mas-Sunday Times of Malta. (paġni 68 u 69)

**- 12 ta' Frar:** Nanniet li jieħdu sehem in-neputijiet tagħhom li ħadu sehem fi Klabb NannaKola fil-parroċċi ta' Ħaż-Żabbar, B'Kara (Santa Liena) u M'Scala żaru l-Fondazzjoni u ċ-Ċentru Antida għal Seminar fuq is-servizzi tal-Fondazzjoni. Iddiskutejna l-idea li l-Fondazzjoni torganizza Konferenza Nazzjonali għan-nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet.

**- 15 ta' Frar:** (1) Frida Mangion, studenta ta' l-aħħar sena tal-kors tas-Social Work fl-Università ta' Malta tibda l-prattika tagħha mal-Fondazzjoni sa Mejju. (2) Sr Salvina Bezzina tirċievi f'isem il-Fondazzjoni donazzjoni miċ-Children's Foundation.

**- 17 ta' Frar:** Filgħodu beda t-tieni Klabb Nannakola f'Raħal Ġdid.

**- 18 ta' Frar:** Sr Rose, Ruth u Nora jkollhom laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar.

**- 19 ta' Frar: (1)** Żaru ta' orjentament u kollaborazzjoni minn żewġ Social Workers mid-Day Care Centre (Saħħa Mentali) ta' Cospicua u Paola. (2) Bdejna nilqgħu uffiċjalment każijiet ta' familji vulnerabbli minn Ħaż-Żabbar. (3) Żewġ Service Area Managers mill-Aġenzija Appoġġ żaru l-Fondazzjoni biex inkomplu niviluppaw metodi tal aktar kollaborazzjoni.

- **22 ta' Frar**: Sr salvina, Sr Rose, Ruth, Frida u Nora żaru Dar Spinelli mmexxija mill-Fondazzjoni Suret il-Bniedem. Din hi dar għal nisa u uliedhom bla dar.

- **24 ta' Frar**: (1) Sr Salvina u Nora attendew taħdita mill-Professur Lino Delia organizzata mill-Istitut Formazzjoni Pastorali tal-Kurja Arċiveskovili. Tema: *Kif nistgħu nifhmu u ngħixu d-dimensjoni strutturali tal-imħabba*. Il-Professur Delia qassam kopja tal-ktejjeb tiegħu maħruġ fl-2009 mill-Bank APS bit-titlu: ***Personal Well-Being, Social Values and Economic Policy Tools: Institutional Instruments and Welfare Support***.(83 paġni). (2) SJAF ħadet sehem f'laqgħa tal-aħenzija Caritas Malta dwar l-applikazzjoni għal fondi mill-Lifelong Learning Programme tal-Unjoni Ewropea (Leonardo mobility) li, jekk jintgħażel, jistgħu jibbenifikaw 20 voluntieri attivi fil-qasam ta' djakonija parrokkjali.

- **25 ta' Frar**: (1) Trainer Gertrude Spiteri bdiet taħriġ ta' 6 sessjonijiet fuq in-Neuro-Linguistic Programming għall-ħaddiema tal-Fondazzjoni. Ġew mistiedna wkoll żewġ Social Workers mill-Day Centre għas-saħħa mentali. (2) Saret l-ewwel laqgħa ta' diskussjoni u pjanar bejn il-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tal-Fgura u l-Fondazzjoni dwar ħidma id f'id u appoġġ mill-Fondazzjoni fil-ħolqien ta' Uffiċċju Djakonija u servizzi ta' social work u gruppi mill-Fondazzjoni. Il-Fondazzjoni se tgħin ukoll fit-tmexxija ta' eżerċiżżju ta' SWOT li l-Kummissjoni Djakonija se torganizza fi sforz kollettiv tal-Unità Parrokkjali. (3) Ruth, Kim, Frida u Nora bdew jieħdu sehem f'kors filgħaxija fuq it-tema *Ħabs u Riforma* organizzat mill-għaqda volontarja Daritama li ilha taħdem f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar 19-il sena. Qed imexxi l-kors il-Patri Mark Montebello.

- **26 ta' Frar**: (1) Ruth u Nora ħadu sehem fil-laqgħa ġenerali annwali tal-Anti-Poverty Network – network ta' 46 għaqdiet volontarji attivi fil-qasam soċjali. (2) Ħaddiema minn Dar Sant'Anna żaru l-Fondazzjoni u esplorajna l-possibiltà ta' kollaborazzjoni fir-refurbishment ta' dar ċkejkna li se tintuża għal servizzi soċjo-edukattivi tal-Fondazzjoni.

## It-Triq Tiegħi – Tifkiriet tal-Imgħoddi
## Vivienne Abela (Wens Group Member)

Fi snin ħamsinijiet (50's) meta jiena kelli għaxar (10) snin, il-familja tiegħi marret toqgħod Bormla, f' Windmill Street jew bil-Malti, Triq il-Mitħna. Fil-post fejn xi nies ta' Bormla isibuh bħala "Fuq Santa Margerita", għaliex ftit 'il bogħod minnu hemm knisja żgħira ddedikata lil Santa Margerita li magħha hemm il-kunvent tas-sorijiet tal-klawsura.

F'din il-pjazzetta għadu joqgħod l-eks Ministru, il-President Emeritus Ugo Mifsud Bonnici. Bieb ma' bieb miegħu kien joqgħod is-Sur Eric Serracino Inglott, studjuż u kittieb. Faċatta tagħhom id-dentist George Boffa u l-familja tiegħu u maġenbu t-tabib Gerada, ħu l-isqof Gerada. Kien joqgħod ukoll ċertu wieħed Indri, li konna nsibuh bħala "Indri tal-laħam", għaliex kellu ħanut tal-laħam ġo Strada San Giorgo kantuniera ma' Strada Buon Giorno jew Good Day Street. Tista' tgħid li tliet kwarti tan-nies ta' dawk l-inħawi kollha kienu jixtru mingħandu. Forsi tgħidu, dan kif daħal ma' dawk l-ismijiet hekk importanti. Iva, għaliex hu kien importanti għalina wkoll għaliex konna nixtru l-aħjar u l-aqwa laħam tari u frisk li tista' tixtri. Kien raġel mibni f'saffejn, twil u naqra mżaqqaq, b'wiċċ ħamrani b'nuċċali tond tad-deheb fuq imnieħru, dejjem jidħak u jiċċajta. Indri kien ġuvni ftit kbir fl-età iżda meta kellu xi ħamsin (50) sena peress li kienet mietet ommu u ġie waħdu, sab mara sewwa u żżewweġ. Ftit taz-zmien wara wella l-ħanut lil ħaddieħor. Konna tlifna ħabib tassew.

Għall-ewwel ma stajtx nidra Bormla għax qabel konna noqogħdu f'Cospicua Road, Raħal Ġdid. Ħbieb ma' kellix u lanqas ħija li kien akbar minni fis-snin, ma kellu, imma malajr għamilna ħbieb mat-tfal ġirien tagħna. F'din it-triq



f'kantuniera kien hemm mitħna antika fejn qabel fl-antik kienu jidħnu d-dqiq. Kien joqgħod raġel xiħ ftit maħmuġ u dejjem fis-sakra. Jgħidu li meta kien għadu żgħir kien mastrudaxxa prim, iżda ġrat xi ħaġa f'ħajtu li ġabitu f'estremità li anki kienu jgħajruh it-tfal u jgarawlhu l-ġebel u ħallih jiġri warajhom u jkellimhom bi kliem baxx. Kienet xi ħaġa ġdida għalija u għal ħija u l-ewwel darba li rajnieha bqajna skantati.

Naqra 'l bogħod mid-dar tagħna, fejn taraġ li kien jagħti għal triq ftit dejqa kien hemm għajn tal-ilma. Peress li ħafna minn nies kien għad ma kellhomx ilma ġo djar tagħhom kienu jimlew l-ilma mill-għajn biex jaħslu l-art u l-ħwejjeġ u kull ma' jkollhom bżonn. Kienu jsibuh bħala l-"Pomp" in-nies t'hemm. Din kienet pompa tal-ilma li kellha "leaver" fuq wara li kont tħaddem 'il fuq u 'l isfel biex joħrog l-ilma. Meta konna naraw lil xi ħadd jimla l-ilma, konna naħarbulha lill-mama u konna mmorru ħdejn l-għajn u ġieli ħija kien joqgħod iħaddem il-pompa hu. Għalina kienet xi ħaġa kbira. Wara kienu waħħlu kanna tal-ilma u vit magħha.

Faċċatta tad-dar tagħna jew aħjar quddiemna wara xi flats ġodda li kienu għadhom kif inbnew kien hemm sur ta' żmien il-kavallieri fejn kienu jgħidu li bil-lejl, wara nofs il-lejl kien jidher kavallier. Dan il-kavallier kien ikun riekeb fuq żiemel abjad u joqgħod jippassiġġa fuq ix-xifer tas-sur. Aħna qatt ma rajnieh, iżda kienu jgħidu li kien hemm min kien rah. Li naf hu, li fuq wara tas-sur kien hemm u għadu hemm sal-lum ċimiterju qadim ħafna, kien żdingat kollu ħaxix ħażin u ġebel imwaqqa'. Ma' kien hemm l-ebda sinjal ta' xi għoqbra. Dan kont tidħol għalih mit-triq ta' warajha li tagħti għal Ħaz Zabbar. Kien magħluq b'bieb tal-ħadid.

Ma nafx jekk kienx għadu minn żmien il-kavallieri jew minn żmien ieħor, li naf hu li jiena kont nibża' ngħaddi minn hemm meta jidlam. Kienu ħaduh f'idejhom il-familja Farrugia, li kienu jieħdu l-ħbieb hemmhekk. Ma' ġenb is-sur kien hemm mina tal-blat li wara waqqgħuha biex iwessgħu t-triq. Iżda l-aktar li bqajt u nibqa' niftakar kienet il-pjazza ftit 'il bogħod mid-dar tagħna fejn kont għaddejt nofs ħajti u tfuliti nilgħab mal-ħbieb noli u "cat", nirkbu r-rota u nilagħbu l-ballun.

Peress li din il-pjazza kienet kbira daqs grawnd tal-futbol kull nhar ta' Sibt filgħodu bejn it-tmienja u nofs u d-disgħa kienu jigu jilagħbu l-futbol subien tal-mużew li kienu jagħmlu league bejn it-team tal-mużew ta' Bormla ma dawk tal-mużew oħrajn ġirien tagħna (Zabbar, Birgu, Isla, Kalkara). Il-logħba kienet tkun akkanita ħafna b'għajjat u tisfir l-aktar meta xi tim ikun ser jiskorja u tiġi xi karozza u jkollhom iżulu fil-ġenb u b' hekk jitilfu ċ-ċans li jiskurjaw għaliex il-karozzi kienu l-ħin kollu għaddejjin. Ma nafx kif kienu jilagħbu u ma' jweġġgħux.

Imma l-aktar ħaġa li kienet togħġobni f'din il-pjazza kien ħanut żgħir tal-ħelu li kien fit-tarf ta' din it-triq. Qatt ma kont rajt daqshekk ħelu kulurit ta' kull daqs u forma. Kull meta kont nidħol fih kienet għalija xi ħaġa maġika qisni dħalt ġo dinja oħra tal-fantasija. Mhux għax qatt ma kilt ħelu tafux għaliex il-papa kien dejjem iġġibilna ċ-ċikkulata jew xi borża ħelu zgħira meta jiġi mix-xogħol imma li tmur tixtri u tagħżel int hija ħafna aktar sabiħa. Dan il-ħanut kien jiġbed ħafna tfal. Kienu jgħidulu "il-Grieg", proprja dan kien Għawdxi li kien siefer il-Greċja u żżewweġ Griega. Wara l-gwerra kienu ġew Malta bħala refuġjati u fetħu ħanut tal-ħelu. Dan l-Għawdxi Grieg kien jaf jagħmel ħafna ħelu magħmul miz-zokkor. Kien ikun kull kulur u kull forma. L-isfar togħma ta' lumi kien ikun kwadru, l-oranġjo żenguli, tal-maskta u l-aħmar forma ta' flixkun b'togħma ta' frawla. Kien ikun miksi kollu zokkor u b'sold kien itik erba' biċċiet. Kont inħobb nixtri mingħandu ħafna. Fl-istess triq tagħna ftit bibien 'il bogħod minna kienu joqogħdu żewġ tobba u spiżjar.

Wieħed kien ta' partit u t-tnejn l-oħra ta' partit ieħor. It-tlieta kienu membri parlamentari u darba għadni niftakar kienet l-elezzjoni elettorali tal- ħamsinijiet(50's) u kien rebaħ il-partit ta' tnejn minnhom u kif ixxandar ir-riżultat minn fuq ir-Rediffjuxin il-mara ta' wieħed minnhom fettillha toħroġ fuq it-targa tal-bieb ixxejjer għanqud tal-lumi, isfar, isfar u sabiħ, li qagħtet minn ġol-ġnien lil xi nies tal-partit l-ieħor. F'daqqa waħda qam pandemonju sħiħ bdew jgħajruha u jgarawlha l-ġebel. Fi ftit minuti ġriet il-kelma u it-triq imtliet b'folla ta' nies daqs meeting żgħir kulħadd jgħajjat jiġġieled. Ġew ukoll il-pulizija, bżajna fuq li bżajna imn'alla li ftit qabel il-mama daħħlitna ġewwa u sakkret il-bieb bil-firrol. Jiena u hija tlajna fuq u qgħdna bil-wieqfa fuq siġġu naraw kollox minn wara l-persjana. Ma' kinitx xi esperjenza sabiħa għalina u dommna ftit ma noħorġu nilagħbu barra waħidna.

Barra din l-esperjenza kerha, dak iż-żmien li għaddejt f' Windmill Street kien żmien sabiħ ħafna għalija li żgur qatt mhu ser ninsieh. Domt ngħix hemm mal-familja tiegħi xi ħmistax-il sena u meta kelli ħamsa u għoxrin sena żżewwiġt u ġejt noqgħod Hal Tarxien u għadni noqgħod hemm sal-lum. Xi kultant ngħid lir-raġel biex jgħaddini mit-triq fejn kont noqgħod u ħallini niftakar b'nostalġija u nġedded il-memorji mill-ġdid.

Il-pjazza inbiddlet, m'għadhiex bħal ma' kienet għax għamlu "traffic island" twila bis-siġar fin-nofs. It-tfal tal-lum għandhom il-grawnd tal-futbol fejn jilagħbu. Il-mitħna u l-għajn tal-ilma għalkemm illum għalquhom, għadhom hemm, anki l-ħanut tal-ħelu għadu hemm iżda n-nies u l-ġirien kollha nbiddlu. It-tfal iżżewwġu u marru joqogħdu xi mkien ieħor u l-kbar min mar f'xi dar ta' l-anzjani u oħrajn ħallewnna u marru għand il-Mulej.



**It-triq u l-pjazza ma baqgħux dak il-post maġiku ta' tfuliti kif kont nafu jien. Paċenzja il-ħajja ma tieqaf għal ħadd, tibqa' sejra u jibqa' biss it-tifkiriet tal-imgħoddi.**

## *Meditation*

My child, let it be your privilege, each day, to dwell upon My sacrifice – made for the whole world.

In My suffering love upon the Cross you see a continuing process… the unrequited love which pursues My children – yearning for the slightest response, and profoundly grateful when one of those children surrenders his or her life to Me.

On the Cross, you see My heart of love crushed, for the moment, by the force of evil which darkens this universe. Then you see the bursting forth again of love's power…in My Father's victory; this power, in its submission, and its patience, can change, permanently, any human situation.

Although you are conscious of being unworthy of that love, be sure that the pain of rejection is made so much less by even the simplest, imperfect dependence upon Myself.
Here, at the Cross, give Me your heart, anew, everyday.

**For the sake of My sheep, I surrender My Life.**
**(John 10.15)**

*(I am with you by Fr. John Woolley Page 3)*



# YOUNG PEOPLE AS COMPETENT COMMUNITY BUILDERS

By Ruth Brincat

Upon hearing the word youths, the first thoughts that come to mind are crime, drugs, school dropouts and teenage pregnancies. This view assumes that young people are vulnerable victims of adult-neglect, poverty, racism, or other forces beyond their control, or that they are "bundles of pathology" continuously threatening the social order. Of course, this view inhibits the ability of seeing youths as competent citizens who are capable of meaningful participation in society.

Conversely, youth might also appear as an important resource having the ability to be competent, to build on their own strengths and to actively encourage other youths to become actively involved in the community. The strengths perspective and youth development approaches clearly focus on human capacity, assets and aspirations rather than on deficits and failure. In order for this perspective to thrive, more positive approaches need to working with youths need to be developed and promoted. As Bernard (in Cheon, 2004) states "the most effective, efficient, and even rewarding and joyful approach to problem prevention is through supporting healthy youth development."

Whilst keeping this view in mind, Foundation workers recently met up with Ms Marvic Ann Debono, Programme Officer (Youth in Action Programme) with the European Union Programme Agency in Malta. This meeting was held in to enable us to determine how we further strengthen our work with vulnerable youths to become self-empowered by tapping into Youth in Action programme strands. The YiA programme is an exceptional opportunity for those who experience its benefits by gaining experiences beyong Malta's shores. Through the YiA Programme it is possible to broaden one's horizons. It helps youths to gain knowledge, skills and competencies which are outside any formal education and training structures whilst allowing them to promote young people's personal development and active participation as responsible citizens.

SJAF identified three actions which should be further explored in the coming weeks. The first one is the Youth Initiative which is a project entirely initiated, set up and carried out by young people themselves. It allows youths to try out their own ideas through initiatives, whilst giving them an opportunity to be directly and actively involved in planning and carrying out the project. The second possible actions for involvement is the European Voluntary Service which aims to support young people's participation in various forms of voluntary activities. The third action needing further exploration is the Youth Exchange which also seeks to involve the active participation of young people; it is designed to allow them to discover as well as to become aware of the different social and cultural realities whilst learning from each other and reinforcing their feelings of becoming European citizens.

We hope that, through the YiA programme, we can help enable disadvantaged youths we work with to move away from helplessness, frustration and passive recipients of services to to move towards becoming active participants both in the process of self-growth and development as well as in community building.

*References:*

Cheon.J.W. *Convergence of a Strengths Perspective and Youth Development: Toward Youth Promotion Practic*. Retrieved on 22nd February 2010, from http://journals.iupui.edu/index.php/advancesinsocialwork/article/view/5/202

Farmer. E. (2008). From Passive Objects to Active Subjects: Young People, Performance and Possibility. *Community development: Journal of the Community Development Society.* Retrieved on 22nd February 2010, from http://www.eastsideinstitute.org/communitybuilding/index_assets/FromPassiveObject%20youth%20paperCDS.pdf

## NannaKola Club – ĦAZ-ZABBAR, M'SCALA U B'KARA




**Closing Session**
**NannaKola Club B'Kara**




**Closing Session**
**NannaKola Club Zabbar**



**Closing Session**
**NannaKola Club M'Scala**

## AVVIŻI

Iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti f'Malta l-ġimgħa l-oħra nidiet il-pubblikazzjoni ta' ktejjeb imsejjaħ *OPENING UP - a path beyond fear.*

Apparti minn daħla, il-ktejjeb fih 4 taqsimiet fuq it-temi ta' Peace, Violence and Religions, Living with Others who are different - a Christian Perspective, The Priority of Culture in Us and Them, u The Contribution committed by Lay Persons are called upon to make in Public Life. Jinkiseb miċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja, 227 Triq Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1170 Tel: 2125 1538

**Isimgħu l-programm tar-radju mtella' mill-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità ta' Malta flimkien mal-Fondazzjoni - kull nhar ta' Ħamis mit-3.30 sal-4.00 ta' wara nofsinhar fuq Radju Maria.**

**Jismu: Lejn Ħajja Mimlija.**



# Rokna Poeżija

**Il-Ġilji: ħares attent!**

Meta fl-aħħar ċempilli l-univers, qalli
ħares attent, ara sew iż-zrinġ u l-ilma ġieri
in-nixxiegħa w il-farfett wieqaf ħiemed
ħares attent, ara sew ix-xmara ta' ħsibijietek
emozzjonijiet, reazzjonijiet...

Imm' għaliex, ridt inkun naf,
u bis-sabar weġibni, is-sabar
ta' mitt elf sena stennija,
tal-medda tal-istorja kulturali.

Qalli, Bniedem, ħares; il-proċess artifiċjali
li bih jinbena l-jien tiegħek, qiesu ragħwa tiela',
diġà' ħsibijiet u kunċetti bħala bżieżaq,
u r-ragħwa titla' tfexfex m'għajnejk meta tħares
lejja, u lejH, u lejk
(kollha Wieħed, iżda dan int ma tafux)
u ma tarax ħlief tfexfix ta' bizgħat u kunċetti –
u titilfu t-teżor fl-għalqa tiegħek stess
għax għamewk il-mirja, u l-biżgħat boloħ
tal-jien li 'l-jien ma jkunx.

Meta tħares lejja tara, minflok,
il-kunċetti tal-jien tiegħek
u meta ddur lejn Alla – issa, *hawn* –
tagħmel alla magħġun mill-ħsieb,
ja idolatru!

Fil-pjaneta żgħira tiegħek, bebbux u fkieren
inixxu qoxra iebsa, u jistaħbew fiha;
ja bniedem-li-jnixxi-qoxra, il-jien tiegħek
bħal bejta magħluqa madwar pespus
ma tħallikx ittir –
bilkemm ma tridx tfaqqas bil-kontra
u tidħol lura f' bajda.

Allura... kif għandi nkun? staqsejt issummat
u l-univers bis-sabar qalli: ħares sew,
ara l-ġilji, ja bniedem-li-jnixxi-qoxra,
ara l-ġilji huma w jikbru; tisharx ħosbien...
iżd' ishar attent
taħkimx, u tħalli xejn jaħkmek
u meta ċċedi l-jien, tgħix
fl-imħabba wiesa'
fil-ġmiel
fl-hena
għax int tgħix... fiH.

*tony macelli*



## Tfajjel Disleksik

Jien tifel ta għaxar snien
Shane semmewni x'waħda din,
Sports inħobb kull kwalità
Tajjeb ħafna minix ta'....!!

Il-ju jitzu, football, sajd
Dawna kollha jien pruvajt
Ta goal keeper jin nibrilla
U noħlom li jien xi stilla.

Bid-disleksja jiena nbati
Imma din għajnuna tagħtni
Ġenji kbar b'dil kundizzjoni
Taħsibx li din kontradizzjoni

Mill-kitba kollha batwe
Imma moħħhom ħadmuh sew
Disleksik ma jafs jispelli
Imam bravu ikun marelli

Jaħasra emmnu ftit fina
U paċenzja ħudu bina
Għad nagħmlukom ferm kburin
Jekk tagħtuna ftit tal-ħin

*Shane Borg*
*2007*

# Figolli

***L-istudenti tal-programm Bridge fi ħdan il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida ser jippreparaw Figolli sabiex jinbigħu b'risq l-istess fondazzjoni.***

Għandna bżonn dawn l-ingredjenti, u għal dan il-għan, qegħdin nitolbu l-għajnuna tagħkom.

- 10 pakketti dqiq tal-kilo (Plain)
- 4 fliexken assenza tal-lumi
- 4 fliexken assenza tal-lewż
- 16-ilpakkett butir tal-250gramm
- 30 pakkett intrita mitħuna tal 350gramm (Ground Almonds substitute)
- 8 pakketti icing sugar tal-400gramm
- 14-il biċċa ċikkulata tat-tisjir tal-150gramm
- 1 kilo lewż sħiħ

Kull min jixtieq jgħin billi joffri xi uħud mill-ingredjenti t' hawn fuq għandu jibgħat email jew iċemplilna jew iġibhom Ċentru Antida, 51 Triq Ħal Tarxien Tarxien (ħdejn l-iskola Immaculate Conception) sa nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu

Grazzi bil-quddiem tal-għajnuna tagħkom u nwegħdukom it-talb tagħna.

Miriam Grech
Administrator
Fondazzjoni Santa Giovanna Antida

Tel No. 21808981 / 27672367
Email: miriam.sjaf@gmail.com

Welcome

*NEW VOLUNTEERS WITH SJAF*

*Cettina Saliba - Nurse*

*Gertrude Spiteri – Social Work Support*

*Dr Fransina Abela – Social Work Support Legal Aid*

# Leħen Young Carer

Jiena Bianca Buġeja u għandi 30 sena. Ili ndur b'ommi u missieri dawn l-aħħar 15-il sena. Tliet ħuti kienu diġà żżewġu u telqu mid-dar. Kont għadni lanqas twelidt meta ommi bdiet tbati minn problemi ta' saħħa mentali. L-ewwel ma kien jieħu ħsiebha bil-paċenzja kollha u mħabba kien missieri. Meta kellha lili, ommi batiet bija wkoll għax tlaqt nimxi ħazin u ġriet bija ħafna għand proffessuri.

Meta kont tarbija, reġa' taha dippressjoni u bdiet tieħu ħsiebi z-zija li tiġi oħt ommi. Kif kelli dawk is-7 snin ommi reġgħat għaddiet minn burraxka oħra u kellha tqatta' żmien fl-isptar psikjatriku. Jien spiċċajt l-iskola ta' 16-il sena u wara sena bdejt naħdem. Iżda lanqas għadew tlett xhur li ma kellix nitlaq mix-xogħol għax ommi qabadha kanċer. Din kienet trawma kbira u kerha oħra għalina lkoll. Biex tgħaqad, ommi qabditha dipressjoni kbira minħabba l-biża' tal-kanċer. U minn dakinhar sallum, ommi għadha ma feqitx. Kienet għamlet żewġ operazzjonijet: waħda taħt aptha u l-oħra f'sidirha.

Niftakar kont niġi mix-xogħol u l-ewwel li kont nagħmel kien li naħsel lilha imbagħad nibda l-faċendi tad-dar u nsajjar għall-papa li dak iż-żmien kien għadu jaħdem. Wara l-għaddew ftit ġimgħat ommi bdiet tieħu l-chemo darba fil-ġimgħa u kienu jkissruha. Wara l-chemo bdewlha r-raġġi. Jien kont ngħeja ħafna minħabba li erfajt responsabbilità li qatt ma kont nimmaġinha f'ħajti.

Kont inħossni qisni mara miżżewġa li trid tlaħħaq ma kollox u kulħadd. Tant bdejt ngħeja li kelli nieqaf mix-xogħol u spiċċajt żgħażugħa li qatt ma tista' toħroġ mid-dar. Lanqas lil sħabi ma stajt inkompli nara u noħroġ magħhom. Ta' 19-il sena niftakarni nittawal minn ġo kamarti biex nara nilmaħx lil sħabi ħerġin biex imorru Paceville. U meta nilmaħhom, kont nispiċċa nibki waħdi f'kamarti.

Beda jgħaddi ż-żmien. Kull xahar kont immur m'ommi l-isptar għax kien ikollha l-visti tal-kanċer u tal-marda mentali. Kont immurilha għall-pinolli wkoll. Għal l-ewwel kienet tmur oħti għax kont għadni taħt l-età imma kif għalaqt it-18-il sena bdejt immur waħdi għalihom. Jgħidu *kull deni ħudu b'gid* għax dak iż-żmien tħajjart insegwi xi korsijiet organizzati mill-Kunsill Lokali tagħna. Bil-ħila t'hekk, tgħallimt il-bizzilla ta' Malta u l-ganutel u bdejt inderri ftit anka ma' nies għax kont irt mistħija immens. Meta wieħed idur b'xi ħadd marid id-dar għal żmien twil, tidħol waħda nobis f'qoxortok.

Meta għalaqt it-22 sena, kont qiegħda il-kors tal-bizilla u ġiet oħti miżżewġa li qatli "ejja malajr id-dar għax sibt lil missierna ntrabatlu lsienu." Ġiet l-ambulanza għalih u ħaduh l-isptar malajr malajr. Jien bqajt id-dar minħabba ommi. Wara ċemplitli oħti mill-isptar u qatli il-pa kienet tatu puplesija u li mhux għal magħna. Dak il-ħin ħadt xokk kbir. Missieri talagħlu deni qawwi. Ħuti qagħdu miegħu għal xahrejn u nofs l-isptar. Jien kont intallgħalu xi affarijiet u nieħu ħsieb l-ommi; ma stajtx ninqasam fi tnejn. Intant, missieri qaleb għall-aħjar iżda ma setax jimxi aktar.

Kont ħadtha bi kbira ħafna dak iż-żmien għax kien dejjem it-tieni driegħ tiegħi. Bdejt inħoss li kont qlajt daqqa ta' ħartha kbira wisq f'ħajti. Lil missieri bagħtuh lura d-dar.

Għall-ewwel kien diffiċli li nidhra l-fatt li missieri kien f'wheelchair. L-għeja fija kibret sakemm ġismi dara rutina differenti.
Kont naħsel lil missieri u naqdih fil-bżonnijiet tiegħu. Għadni nagħmel dan sal-ġurnata tal-lum. Issa ilu marid dawn l-aħħar 11-il sena. Eerġajt qbadt ir-rutina tal-ħajja tiegħi ukoll.

Għalkemm sibt ħafna appoġġ minn ħuti u anka mill-ġirien, xorta kont inħossni waħdi u min jaf kemm ġieli bkejt u saħansitra sabbatt rasi mal-ħajt bid-dwejjaq.

Xi erba' snin wara li missieri tatu l-puplesija, kelna l-aktar aħbar kerha ta' ħajjitna lkoll meta ġejna mgħarrfa bit-telefon li ħija l-miżżewweġ li kien jgħix barra minn Malta ma' martu u żewġ uliedu, kien miet f'inċident tat-traffiku xi 5 minuti biss mid-dar tiegħu. Kien daħal fih ġuvni li kien ġej minn naħa l-oħra tat-triq. Dak il-ġuvni mhux suppost li kien qed isuq għax kien ibati bl-attakki tal-epilepsija. Kien tilef il-kontroll waqt attakk bħal dan.

Meta sirna nafu l-aħbar ommi ħadet xokk kbir u minn dakinhar sallum ma ħaditx ir-ruħ. Intant, b'din l-għalja kbira wkoll f'ħajjitna, jien bqajt indur bihom it-tnejn. U mbagħad ġara li meta kelli 23 sena bramt saqajja u bqajt sejra lura. Spiċċajt nimxi ħażin u mort għand ħafna speċjalisti; imma kollu għal xejn.

Ommi tant baqgħet sejra lura li dawn l-aħħar tlett snin għaddejt minn kalvarju għax daħlitha f'rasha li ma tiswa għal xejn u bdiet iż-żurżieqa tad-dimensja. Bdiet tagħmel taħtha u tinsa l-kitla mixgħulha fuq il-cooker u ħafna affarijiet oħra perikolużi.
Applikajt biex tiġi nurse; bdiet tiġi waħda biex taħsel lill-ommi 3 darbeit fil-ġimgħa. Ommi, sadanittant intelqet wisq u bdiet taqgħali.

Darba minnhom waqgħet, ħabtet rasha u ntilfet minn sensiha. Kelli nċempel għall-ambulanza. Baqgħet sejra lura tant li ħuti u l-qraba, speċjalment jien, ħadna d-deċiżjoni kiefra li ndaħħluha ġod dar residenzjali. Kienet deċiżjoni diffiċli ħafna u ħadtha ferm bi kbira sakemm aċċettajt il-fatt li lil ommi ma kontx se naraha aktar id-dar magħna. Biss, illum il-ġurnata nħoss li għamilna deċiżjoni tajba.

Wara l-mewt ta' ħija kont intbaħt li ma kontx għaddejja ħajja sew; mhux għax kont qiegħda indur bil-ġenituri tiegħi - għax mhux tort tagħhom li mardu daqshekk zgħar - imma għax il-ħajja hi qasira ferm u sabiħa. Tkellimt ma' ħabiba tiegħi li għenitni ħafna. Tkellimt ma' socjal worker li qaltli li għandi nsib mezz kif noħroġ u nieħu gost mal-ħbieb. Dan l-inkoraġġiment kien importanti għalija għax kont iffissajt li jekk noħroġ xi ftit inkun qed nittraskura lill-ġenituri morda tiegħi.

Bil-mod il-mod, bdejt noħroġ għall-ewwel darba. Għall-bidu ħassejtni stramba imma ma qtajtx qalbi u ħarist il-quddiem. Tgħallimt ħafna affarijiet f'ħajti u ma nħoss l-ebda riżentiment għall-passat u dak li għaddejt minnu. Pjuttost ippruvajt nitgħallem minnu. Dejjem nipprova nilmaħ il-ġid li ħareġ mill-passat ħalli napprezza t- tajjeb u ngħolli l-ispirtu. Inħoss li immaturajt. Veru li kelli niġġieled miegħi nnifsi biex ma niddisprax. Veru wkoll li sibt ħafna għajnuna: minn ħuti miżżewġa, mill-qraba, ġirien, ġbieb, mill-Hospice Movement u fuq kollox minn Dak t'hemm fuq – il-Mulej.

Illum qiegħda naħdem par-time, nitgħallem li nixtieq, u xorta għandni ndur b'missieri u nżur lil ommi ta' spiss. Jiena kburija bija nnifsi mhux biex bi ftaħir iżda għax qdejt u għadni naqdi missjoni f'ħajti li għallmitni niffaċċja l-ħajja u l-isfidi u t-tbatija tagħha b'ċertu qawwa li naf li mhix ġejja minni iżda mill-Mulej. Illum, li nkun ta' servizz, inħoss li hi xi ħaġa importanti fija; meta nara xi anzjani fil-bżonn atomatikament immur nara jekk nistax inkun ta' għajnuna.

Il-ħajja trid taffaċċjaha b'fidi kbira. Illum għandi missjoni oħra x'naqdi – dak li nifforma grupp ta' żgħażagħ li qed jieħdu ħsieb lil xi ħadd marid fil-familja. Is-St Jeanne Antide Foundation għandha pjan imfassal biex nibdew Young Carers Project f'Malta imma għandna bżonn il-fondi. Intant, jiena qed nagħmel appell biex kull min jaf b'Young Carers li jixtiequ jissieħbu fi grupp.

Ikkuntattjawna!

